



Informazzjoni

Stqarrija għall-istampa Nru 126/26

Il-Lussemburgu, 16 ta' Settembru 2026

Savvas Papasavvas ġie elett President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Wara t-terminazzjoni qabel iż-żmien tal-mandat ta' Marc van der Woude għall-Presidenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, Savvas Papasavvas ġie elett, minn sħabu l-Imħallfin, President tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu li kien fadal, jiġifieri mis-16 ta' Settembru 2026 sal-31 ta' Awwissu 2028.

Curriculum vitae ta' Savvas Papasavvas

Imwieled fl-1969 f'Nikosija (Ċipru), Savvas S. Papasavvas studja fl-Ethnikó kai Kapodistriakó Panepistímio Athinón (l-Università nazzjonali u ta' Kapodistrias ta' Ateni, il-Greċja) u hemmhekk kiseb l-ekwivalenti ta' master fid-dritt (Ptychion) fl-1991. Huwa kompla l-istudji ta' dottorat fl-université de Paris II (l-Università ta' Pariġi II, Franza) li fl-1992 tagħtu diploma ta' studji approfonditi fid-dritt pubbliku. Fl-1995, wara l-istudji tiegħu ta' dottorat fl-université d'Aix-Marseille III (l-Università ta' Aix-Marseille III, Franza), huwa kiseb it-titolu ta' dottorat fid-dritt.

Wara li ġie ammess fil-Kamra tal-Avukati ta' Ċipru, membru tal-Kamra tal-Avukati ta' Nikosija mill-1993, S. S. Papasavvas kompla l-karriera tiegħu ta' avukat sal-ħatra tiegħu mal-Qorti Ġenerali fl-2004.

Huwa ddedika ruħu wkoll għat-tagħlim fil-Panepistímio Kýprou (l-Università ta' Ċipru) fil-kwalità tiegħu ta' lettur mill-1997 sal-2002, qabel ma ġie elett hemmhekk bħala lettur anzjan fid-dritt kostituzzjonali mill-2002 sal-2004.

S. S. Papasavvas inġatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Mejju 2004 fejn żgura l-funzjonijiet ta' President ta' Awla fl-okkażjoni ta' żewġ mandati konsekuttivi, mill-15 ta' Settembru 2010 sal-25 ta' Settembru 2016. Ġie elett Viċi President tal-Qorti Ġenerali minn sħabu fis-27 ta' Settembru 2019, kariga li huwa okkupa sal-elezzjoni tiegħu bħala President tal-Qorti Ġenerali f'dan il-jum.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!

